**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 304/2023DC**

***Dr Joseph Muscat***
***vs***
***L-Avukat ta' l-Istat***

Illum, il-5 ta' Lulju 2023

## Il-Qorti

Rat ir-Rikors ta'l-attur Dr Joseph Muscat, preżentata fil-5 ta' Ġunju 2022, permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi, l-attur talab lil din il-Qorti :

1. *Tiddikjara li l-artiklu 546 senjatament is-sub-artiklu 4 ittra A (4A) tal-Kodiċi Kriminali huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif sanċiti taħt l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u sussidjarjament hekk kif sanċiti taħt l-artiklu 45 tal-Kostituzzjoni u/jew l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali billi ma joffriex dawk il-garanziji u salvagwardji kostituzzjonali u konvenzjonali għal persuni li jsiru suspettati fi stadju mhux inizjali, ċioe waqt l-andament tal-inkjesta u dan kuntrarjament għal dawk il-garanziji u salvagwardji proċedurali li jingħataw lil persuni li jkunu hekk ġew indikati oriġinarjament malli jitressaq rapport, denunzja jew kwerela skont dan l-istess sub-artiklu. Dan*

*ifisser li qegħda tinħoloq distinzjoni, bejn il-posizzjoni tar-rikorrenti li sar suspettat waqt l-inkjesta u l-posizzjoni ta' persuna oħra li tkun indikata bħala suspettata fil-bidu tal-inkjesta.*

2. *Tiddkjara li bil-fatt li r-rikorrenti ma ġiex notifikat bir-rapport kriminali magħmul fil-konfront tiegħu fejn intalab li huwa jiġi ndikat bħala suspettat fl-inkjesta, skont ma titlob il-liġi, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif sanċiti taħt l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.*

3. *Tiddikjara li l-artiklu 738 tal-Kapitlu 12 huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tarrikorrenti kif sanċiti taħt l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali billi l-liġi ma tagħtihx aċċess, sabiex talba ta' rikuża, tigi deċiża minn Qorti indipendenti u mparzjali u mhux mill-ġudikant li quddiemhu hemm pendenti l-proċeduri u/jew għal appell minn dik id-deċiżjoni tal-ġudikant sedenti quddiem Qorti indipendenti u mparzjali.*

4. *Tiddikjara li bid-deċizjoni tagħha datata 23 ta' Mejju, 2023 fejn il-Maġistrat Inkwerenti ċaħdet it-talba għar-rikuża tagħha, l-istess Maġistrat Inkwerenti kisret, ser tkompli tikser u/jew x'aktarx li sejra tikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ta' smigħ xieraq hekk kif protetti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedern u tal-Libertajiet Fundamentali jekk kemm-il darba tibqa' tippresjedi dik l-inkjesta bin-numru 839/19.*

5. *Tordna li l-atti tal-inkjesta għandhom jiġu immedjatament assenjati lil Maġistrat Inkwerenti iehor/ohra li tkun imparzjali sew fuq livell oġġettiv u sew fuq livell suġġettiv.*

6. *Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq quddiem Qorti imparzjali u indipendenti, inkluż li tillikwida kumpens għad-danni sofferti mir-rikorrenti għall-ksur tad-dritt fundamentali tiegħu ta' smigħ xieraq u tordna lil intimat ihallas il-kumpens hekk 1ikwidat.*

Illi l-attur talab ukoll li:

- *dan il-każ jinstema' bl-urġenza u bl-abbrevjazzjoni tat-termini; u*
- *tagħti ordni provviżorju (interim measure) sabiex il-Maġistrat Inkwerenti ma tkomplix tisma' xhieda, tiġbor provi u tagħti ordnijiet dwar l-inkjesta li qed temxxi hi sad-deċiżjoni finali ta' dawn il-proċeduri.*

Rat id-degriet tagħha mgħoti nhar is-6 ta' Ġunju 2023[1] permezz ta' liema, fil-waqt li ordnat in-notifika tar-rikors promotur lill-konvenut u tagħtu żmien sa'l-14 ta' Gunju 2023 biex jippreżenta risposta, appuntat l-kawża għas-smigħ għal nhar il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2023 biex dak in-nhar jigu trattati it-talba għal smigħ b'urġenza u t-talba għall-ħruġ ta' ordni provvizżorju.

Rat ir-Risposta tal-konvenut l-Avukat ta'l-Istat, preżentata fit-13 ta' Ġunju 2023[2], permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi oppona t-talbiet kollha ta'l-attur, inkluż dawk għas-smigħ b'l-urġenza u għall-ħruġ ta' ordni provviżorju.

Semgħet il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

**IL-PROVI**

Illi in sostenn tat-talbiet in eżami l-attur Dr Joseph Muscat ta x-xhieda tiegħu[3].

Illi in sinteżi fid-depożizzjoni tiegħu jgħid li fil-mument li l-Maġistrat Inkwirenti Dr Gabriella Vella[4], f'degriet minnha mgħoti, għamlet ġudizzju fil-konfront ta' qraba tagħha (missierha u ħuha), ġudizzju fis-sens li dak li qalu missierha u huha huwa liberta ta' espressjoni, għamlet ġudizzju u ħadet pozizzjoni favur il-qraba tagħha u kontra tiegħu (cioe l-attur). Jgħid li b'hekk il-każ żgur ġie preġudikat u d-drittijiet tiegħu kienu qegħdin jinkisru. L-attur

[1] A fol 12.
[2] A fol 33.
[3] Ref depożizzjoni a fol 84.
[4] Ai fini ta' dan id-degriet imsejħa "il-Maġistrat Inkwirenti".

jgħid li għalkemm jista' jidher li kienet it-talba tiegħu għar-rikuza li skattat din l-opinjoni tal-Maġitstrat Inkwirenti, il-fatt jibqa li mal-mument li kien hemm talba għal rikuża bażata fuq fehmiet espressi mill-qraba tal-Maġistrat Inkwirenti, liema fehmiet kienu jikkonċernaw il-materja li hija kienet qed tistharreġ, u l-istħarriġ ta' din it-talba kienet neċessarjament tinvolvi deċiżjoni dwar l-istess qraba tagħha, hija kellha tirrikuża ruħha. L-attur jgħid li jemmen li għalhekk jeħtieġ li jinħareġ ordni provviżorju biex ma jkunx hemm aktar periklu ta' ksur ta' drittijiet tiegħu. L-attur jgħid ukoll li t-talba tiegħu għar-rikuża ma ġietx milqugħa għax il-Maġistrat ħadet il-pożizzjoni li dik kienet liberta ta' espressjoni. Jgħid li f'l-istess degriet il-Maġistrat Inkwirenti qalet li jidher li l-attur xtaq jixhed minn rajh f'l-atti ta' l-inkjesta. F'dan ir-rigward l-attur jgħid li huwa mhux dak iż-żmien xtaq jixhed imma kien għamel diversi rikorsi matul iż-żmien biex jixhed, kemm qabel kif ukoll wara li saret tfixxija fid-dar tiegħu, pero jidher li din it-talba ġiet ikkunsidrata biss meta saret it-talba għar-rikuża. L-attur iżied li huwa qatt ma ġie notifikat li kien parti mill-kawża (inkjesta) pero kien hemm diversi rapporti fil-meżżi tax-xandir. L-attur żied ukoll li fid-degriet tal-Maġistrat Inkwirenti hemm referenza għall-fatt li hu xtaq jixhed biex jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu; għall-attur din kienet indikazzjoni li kien qed jiġi akkużat b'xi ħaġa, għalkemm uffiċjalment ma kien infurmat b'xejn.

Illi in kontro-eżami qal li minn dak li jaf hu inkjesta maġisterjali issir biex issir investigazzjoni dwar il-materja li qed tigi mitluba investigazzjoni dwarha. Mistoqsi jekk jafx li f'inkjesta il-Maġistrat inkwirenti ma jiddikjarax htija jew innoċenza ta' min qed jigi indagat, l-attur jgħid li l-inkjesta li kienet qed issir referenza għaliha mhiex inkjesta bħal ħafna oħrajn għax kienet tikkomporta riperkussjonjiet politiċi wiesgħa; jgħid ukoll li finalment inkjesta tkun qed tirrakomanda li ssir prosekuzzjoni, li hija deċizjoni importantissima.  L-attur żied li anke meta tiġi biex tieħu deċizjoni f'dak l-istadju ma jistax ikollok preġudizzju. Mistqosi jekk jafx jekk il-qraba tal-Maġistrat Inkwirenti minnu imsemmija kellhomx xi ħaġa x'jaqsmu ma'l-inkjesta l-attur jgħid li dak li jaf hu li huma (il-qraba) esprimew l-appoġġ tagħhom fir-rigward. Żied li l-punt mhux li kienu qed jgħidu xi ħaġa negattiva fil-konfront tiegħu imma li wieħed minnhom esprima pożizzjoni ċara ħafna fir-rigward tal-materja li kienet qed tiġi investigata, u l-ieħor esprima l-appoġġ tiegħu lill-għaqda li kienet oriġinarjament talbet il-ftuħ ta'l-inkjesta. In konkluzzjoni tax-xhieda tiegħu l-attur reġa ikkonferma li l-ilment tiegħu mhux bażat fuq il-fatt li l-qraba tal-Maġistrat Inkwirenti għandhom xi involvement f'l-inkjesta imma fuq "*il-parentela u l-fatt li m'hemmx dubbju li titfa' problema f'ħoġor il-Maġistrat* Inkwrenti".

# IT-TALBIET

## It-Talba għal Smiegħ b'l-Urġenza u b'l-Abrevjazzjoni tat-Termini

Illi in sostenn ta' din it-talba d-difensur ta'l-attur għamel referenza għal dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza mgħotija f'l-24 ta' Novembru 2022 fil-kawża *Repubblika vs L-Avukat ta'l-Istat*[5]; fil-fehma ta'l-avukat iż-żewġ każijiet huma kważi identiċi u għalhekk dak li qalet l-Qorti Kostituzzjonali għandu japplika ukoll fil-proċeduri odjerni. Ir-referenza magħmula kienet għas-segwenti bran:

> *Għalkemm l-ordni li ser tagħti din il-Qorti twassal sabiex tiġi sospiża l-proċedura ta' sfida li pproponiet l-appellata, fl-istess ħin din il-Qorti ser tordna li l-kawża kostituzzjonali tinstema' b'urġenza. Ordni li l-Qorti ser tagħti meħud in konsiderazzjoni s-sensitività tal-proċeduri ta' sfida fejn ser jiġi mistħarreġ ir-rapport li għamlet Repubblika lill-Kummissarju tal-Pulizija u l-pożizzjoni li ħa. Kwistjoni ta' interess pubbliku meta tikkunsidra l-impatt li kellu l-każ tal-Pilatus bank fix-xena lokali. Raġuni oħra għalfejn il-Qorti ser tordna s-smigħ bl-urġenza hi n-natura tal-kawża kostituzzjonali, kif ukoll wara li l-Qorti kkunsidrat l-argument tad-difensur tal-appellata dwar il-preskrizzjoni.*

Illi l-attur jsostni li dan huwa każ li qajjem interess pubbliku anke tenut kont li l-persuni involuti huma "*persuni pubbliċi*" u konsegwentement u konformi ma' dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali għandu jinħareġ ordni biex il-kawża tinstema b'l-urġenza.

Illi da parti tiegħu d-difensur tal-konvenut irrileva li t-talba in eżami ma kenitx biss għal smigħ b'l-urġenza għaliex kien qed jintalab ukoll ordni għall-abbrevjazzjoni tat-termini leġali li fil-fehma tiegħu huma żewġ talbiet u kunċetti separati.

Illi dwar l-abbrevjazzjoni tat-termini l-konvenut għamel referenza għall-liġi sussidjarja 12.09 u jinsisti li l-abbrevjazzjoni tat-termini tista' tintalab f'mument partikolari tal-proċeduri li mhux dak inizjali. Dwar l-urġenza jissottometti li hija l-liġi nnifisha li titratta proċeduri dwar ksur ta' drittijiet fundamentali bħala urġenti u li l-istess liġi tirrikonoxxi li jista' jkun hemm

[5] Rikors 472/2022.

kawżi, ukoll dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali, li jkunu anqas urġenti minn oħrajn. In suċċint jgħid li jispetta lill-Qorti li tirregola l-andament ta' kull kawża skond il-fattispeci tagħha. Għamel referenza għal diversi proċeduri, dwar ksur ta' drittijiet fundamentali, li ukoll kienu ta' interess pubbliku kbir, li ma nstemgħux b'urġenza ordnata b'degriet appożitu, imma imxew b'dik l-ispeditezza li kien jimmerita l-każ mingħajr il-ħtieġa li l-każ jinstema' f'ġurnata waħda jew b'udjenzi ta' kuljum, ħtieġa li skond l-konvenut li ma kienx hemm fil-proċeduri odjerni. Aktar minn hekk ġie sottomess mill-konvenut li ċ-ċirkostanzi li wasslu lil-Qorti Kostituzzjonali biex tagħti dak l-ordni dwar urġenza fis-sentenza ċitata mill-attur: *Repubblika vs l-Avukat ta' l-Istat*, għalkemm jinvolvu ir-rikuża ta' Maġistrat, kienu differenti minn dawk tal-proċeduri odjerni.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jingħad li, kif ġustament irrileva d-difensur tal-konvenut, is-smigħ tal-proċeduri tentati skond l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4(1) ta'l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea: il-Kapitolu 319 tal-Liġġijiet ta' Malta, huwa regolat mill-Avviż Legali 279 tas-sena 2008 (LS12.09).

Illi dawn ir-Regolamenti ġew promulgati in forza ta'l-artikolu 46(7) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li :

> *regolamenti tal-Qorti li jipprovdu dwar il-prattika u proċedura tal-Qrati ta' Malta għall-finijiet ta' dan l-artikolu jistgħu jiġu magħmula mill-persuna jew awtorità li għal dak iż-żmien ikollha setgħa li tagħmel regolamenti tal-Qorti dwar il-prattika u proċedura ta' dawk il-Qrati, u għandhom ikunu maħsuba biex jiġi żgurat li l-proċedura għandha tkun b'rikors u illi* ***s-smigħ għandu jkun b'kull ħeffa possibbli****.*[6]

Illi mill-Avviż Leġali 279/2008 ir-Regolament 4, fis-subinċiż (1), jipprovdi li:

> *Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregola (3) ta'din ir-regola u r-regola 8, meta jkun hemm xi kwistjoni li tintbagħat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif hemm provdut fl-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-artikolu 4(1) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u fil-każijiet msemmija fl-artikolu*

[6] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

> *95(2)(ċ), (d), (e) u (f) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-intimat jew lill-appellat mingħajr dewmien, u l-Qorti għandha tappunta data għas-smigħ li tkun fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mill-jum meta jkun ġie preżentat ir-rikors, jew minn meta tkun ġiet preżentata risposta mill-appellat fiż-żmien mogħti għal dik ir-risposta, jew fil-każ li ma tiġix preżentata ebda risposta, mill-iskadenza ta' dak it-terminu:*
>
> *Iżda meta l-Qorti tikkunsidra li l-kwistjoni msemmija fir-rikors mhijiex ta' natura urġenti, l-intimat jew l-appellat għandu dejjem jingħata għoxrin ġurnata għall-preżentata tar-risposta.*

Minn din id-dispożizzjoni huwa ċar li l-liġi qed tippreżumi li r-rikorsi li għalihom qed tirreferi huma ta' natura urġenti. Dan mhux biss minħabba t-terminu qasir li li fih il-kawżi għandhom jiġu appuntati għas-smiegħ, imma anke peress li hija biss permezz tal-proviso li tipprovdi għal dawk il-każijiet li l-Qorti tqis li mhumiex ta' natura urġenti. F'dan il-każ it-terminu għar-risposta għandu jkun ta' għoxrin ġurnata, l-istess bħal dak għall-preżentata tar-risposta ġuramentata fil- proċediment ordinarju f'l-affarijiet kontenzjużi kif reġolat fil-Kaptilou 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi aktar minn hekk is-subinċiz (8) ta'l-istess Regolament 4 jipprovdi li:

> *Bla ħsara għad-disposizzjonijiet preċedenti ta' dawn ir-regoli, il-Qorti tista' tagħżel li ma tappuntax għas-smigħ, bejn is-16 ta' Lulju u l-15 ta' Settembru ta' kull sena, il-proċedimenti msemmijin fir-regola 2 meta dawn ikunu nbdew f'dak il-perjodu msemmi jekk, fl-opinjoni tal-Qorti, dawn il-proċedimenti min-natura tagħhom stess m'għandhomx għalfejn jiġu ttrattati b'xi għaġġla partikolari u ħadd mill-partijiet mhu ser isofri preġudizzju jekk is-smigħ isir wara l-15 ta' Settembru.*

Illi anke permezz ta' dan ir-Regolament il-Liġi qed tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeċidi hi, skond iċ-ċirkostanzi tal-każ, jekk għandhiex tosserva il-ferjat jew jekk għandhiex, għax in-natura tal-każ hekk titlob, tappunta l-kawża għas-smiegħ waqt il-ferjat.

Illi la darba każ jiġi appuntata għas-smigħ skond ir-regolamenti fuq ċitati għandu mbagħad japplika ir-Regolament 6 ta'l-istess Avviż Leġali 279/2008 li jipprovdi għal ħeffa fis-smigħ:

> *Meta każ ikun tqiegħed għas-smigħ il-Qorti għandha tiżgura li, konsistentement ma' l-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja,* ***is-smigħ u d-disponiment tal-każ ikun b'ħeffa*** *u s-smigħ tal-kawża għandu sa fejn hu possibbli jsir fi ġranet konsekuttivi, u, meta dan mhux possibbli, f'dati viċini.*[7]

Illi minn dawn id-dispożizzjonijiet m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li hija l-liġi stess li tqis kawżi dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali bħala urġenti. U l-istess liġi tirrikonoxxi ukoll li fost dawk il-kawżi li min-natura tagħhom huma urġenti u jimmeritaw smigħ spediet, hemm uħud li huma aktar urġenti u allura jirrikjedu smigħ ferm aktar spediet b'mod li d-differimenti jkunu adirittura minn ġurnata għall-oħra. Kif intqal ukoll il-mod kif għandha titmexxa kawża dwar ksur ta' drittijiet fundamentali hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li, sa' mill-ewwel stadju, għandha tagħżel hi b'liema urġenża ser titratta kull kaz li tkun abedieta bih; għażla li skond ir-Regolament fuq ċitat il-Qorti tagħmilha *ex officio* mingħajr il-ħtieġa ta' xi talba jew intervent ta' xi wieħed mill-partijiet.

Illi l-Qorti Kostituzzjonali kellha l-opportunita tippronunzja ruħha dwar dawn ir-regolamenti. Fis-sentenza mgħotija fid-29 ta' Marżu 2019 fil-kawża *Annetto Farrugia vs l-Avukat Ġenerali et* dik il-Qorti, wara li rrintraċċat l-Avviż Legali 279/2008 mill-oriġini tiegħu u l-varja emendi li saru tul is-snin, għaddiet biex tikkonferma ic-caħda tat-talba għal smigħ b'l-urġenza għaliex, fi kliemha, ***ġaladarba, kif għadu kif ġie spjegat, l-Ewwel Qorti hija diġa` marbuta li tisma' l-kawża b'kull ħeffa possibbli kif saħansitra definita mil-liġi, huwa superfluwu li jintalab is-smigħ bl-urġenza.***

Illi, kif ġustament irrileva d-difensur tal-konvenut fis-sottomissjonijiet tiegħu, din il-Qorti diġa ħadet deċiżjoni li, konformi ma' dak li jipprovdi l-Avviż Legali 279/2008, tmexxi il-proċeduri b'mod spediet, tant li appuntat l-ewwel smigħ għaxart ijiem mid-data tar-rikors promotur u tat lill-konvenut sal-ġurnata ta' qabel is-smigħ biex jippreżenta ir-risposta tiegħu.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tqisx li għandha tagħti xi ordni ieħor li jikkonċerna l-andament tal-kawża u konsegwentement it-talba għall-smigħ b'l-urġenza qed tiġi miċhuda in kwantu superfluwa.

Ikkunsdrat

[7] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

Illi kif diġa ntqal flimkien mat-talba għall-urġenza l-attur talab ukoll l-abbrevjazzjoni tat-termini.

Illi pero, u kif ġustament irrileva d-difensur tal-konvenut, f'dan l-istadju tal-proċeduri huwa prematur li wieħed jirreferi għall-abbrevjazzjoni tat-termini. Huwa minnu li l-Avviż Leġali 279/2008 jipprovdi għall-abbrevjazzjoni ta' termini f'każijiet urġenti, pero dan jagħmlu b'referenza għat-terminu ta'l-appell meta tingħata deċizjoni li minnha jista' jsir appell. L-Avviż Legali imsemmi, fir-Regolament 4, subinċiż (2) jipprefiġġi terminu ta' għoxrin ġurnata għall-preżentata ta' rikors ta' appell minn deċiżjonijiet ta' din il-Qorti[8], bi żmien tmint ijiem għar-risposta. Pero mbagħad is-subinċiz (3) ta'l-istess Regolament 4 jipprovdi li:

> *Il-Qorti li tat deċiżjoni suġġetta għall-appell lill-Qorti Kostituzzjonali tista' f'każi urġenti,* ***fuq talba*** *wkoll verbali minn waħda mill-partijiet,* ***minnufih wara li tagħti dik id-deċiżjoni***[9]*, tqassar iż-żmien għall-preżentata ta' l-appell jew għall-preżentata ta' risposta. Jekk ma ssir ebda talba bħal dik minn xi waħda mill-partijiet minnufih wara li tingħata d-deċiżjoni, kull waħda mill-partijiet tista' tagħmel talba bħal dik b'rikors, u wara hekk, il-Qorti li tkun tat id-deċiżjoni, għandha, wara li tisma' sommarjament lill-partijiet kif jidhrilha meħtieġ, tagħti l-ordni xieraq.*

Illi fil-fehma tal-Qorti din id-dispożizzjoni ma tħalli l-ebda dubbju dwar meta għandha ssir talba għall-abbrevjazzjoni tat-termini u cioe wara li tkun ingħatat deċizjoni li minnha jista' jsir appell.

Illi għalhekk anke din it-talba qed tigi miċhuda, stante li hija intempestiva.

## <u>It-Talba għall-Miżura Provviżorja</u>

Illi l-attur talab ukoll li tingħata miżura provviżorja.

Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom dwar din it-talba iż-żewġ partijiet għamlu referenza ampja għal dak li huma jikkunsidraw r-rekwiżieti li għandhom jiġu

[8] Fil-każ ta' deċiżjoni mogħtija wara referenza magħmula skond l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew l-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, it-terminu għall-appell huwa ta' tmint ijiem.

[9] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

sodisfatti biex tkun tista' tingħata miżura provviżorja. Wara din l-espożizzjoni l-attur insista li kienu jeżistu l-estremi biex tingħata miżura porviżorja fil-waqt li l-konvenut sostna l-oppost.

Illi pero fil-fehma tal-Qorti, u qabel ma tinoltra ruħha dwar dawn l-aspetti tas-sottomissjonijiet magħmula, għandha tissoferma u tikkunsidra xi punti li tikkunsidra fundamentali għat-talba issa in eżami.

Illi kif ntqal fil-parti preliminari ta' dan il-provediment, fil-mertu l-attur qed jitlob:

1. dikjarazzjoni li l-artikolu 546(4A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa leżiv tad-drittijiet tiegħu sanċiti permezz ta'l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali[10], kif ukoll tad-drittijiet tiegħu sanċiti permezz ta'l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;
2. dikjarazzjoni li l-fatt li ma ġiex notifikat bir-rapport kriminali magħmul fil-konfront tiegħu huwa leżiv tad-drittijiet tiegħu sanċiti permezz ta'l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;
3. dikjarazzjoni li l-artikolu 738 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu ma jagħtihx aċċess għal Qorti indipendenti u imparzjali fid-determinazzjoni ta' talba għar-rikuża ta' ġudikant, huwa leżiv tad-drittijiet tiegħu sanċiti permezz ta'l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;
4. dikjarazzjoni li bid-deċiżjoni tagħha tat-23 ta' Mejju 2023 permezz ta' liema l-Maġistrat Inwirenti ċaħdet it-talba tiegħu għar-rikuża tagħha hija leżiva tad-drittijiet tiegħu sanċiti permezz ta'l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;
5. **ordni li l-atti ta'l-injkesta għandhom jigu immedjatament assenjati lil Maġistrat inkiwrenti ieħor li jkun imparzjali;**
6. ordnijiet u direttivi opportuni sabiex jigu żgurati id-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq quddiem Qorti indipendenti u imparzjali inkluz permezz ta' kumpens għad-danni sofferti.

Illi fir-rigward ta' dak li qed jippretendi l-attur bħala mizura provviżorja u mit-talba kif dedotta fir-rikors promotur jidher li huwa talab li l-inkjesta tieqaf sakemm jiġu finalment deċiżi l-proċeduri odjerni. Hekk fehem ukoll id-difensur tal-konvenut tant li fil-kors tas-sottomissjonijiet tiegħu huwa ta l-fehmiet tiegħu għaliex ordni biex tieqaf l-inkjesta m'għandux jingħata.

[10] Ai fini ta' dan id-degriet imsejħa "il-Konvenzjoni".

Illi a skans ta' ekwivoċi fir-rikors promotur it-talba għal miżura provviżorja ġiet dedotta fis-sens li "***il-Maġistrat Inkwirenti ma tkompliex tisma' xhieda, tiġbor provi u tagħti ordnijijet dwar l-inkjesta li qegħda tmexxi hi sad-data finali ta' dawn il-proċeduri***"[11]

Illi pero, u waqt ili kien qed jagħmel replika wara is-sottomissjonijiet tal-konvenut, id-difensur ta'l-attur speċifika li "***din in-naħa qatt ma hi qed tgħid illi l-inkjesta għandha tieqaf ħesrem, din ħadd ma hu qed jgħidha. Din in-naħa qed tgħid illi l-inkjesta għandha tkompli taħt Maġistrat inkwirenti ieħor biex u li tiggarantixxi dik li aħna nsejjħu l-imparzjalita***'[12].

Illi għalhekk jidher li dak li jrid l-attur bħala miżura provviżorja huwa li tiġi sostitwieta l-Maġistrat Inkwirenti. Dan ifisser li kieku l-Qorti kellha tasal għall-konklużżjoni li għandha tagħti l-miżura provviżorja mitluba hija fil-fatt ser tkun qed tilqa' l-ħames talba fil-mertu permezz ta' liema l-attur qed jitlob ir-riassenjazzjoni ta'l-inkjesta konċernata, haġa li f'dan l-istadju u qabel ma l-proċeduri odjerni jieħdu l-kors tagħhom, ma tistgħax tagħmilha.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti ser tirreferi għas-sentenza mgħotija mil-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża *Repubblika vs l-Avukat ta'l-Istat* f'l-24 ta' Novembru 2022[13]. Dawk il-proċeduri kienu jikkoċernaw t-talba għar-rikuża tal-Maġistrat sedenti f'kawża ta' sfida[14]. Permezz tal-kawża minnha tentata r-rimedju li kienet qed tfittex l-attrici għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha kien is-sostituzzjoni tal-Maġistrat sedenti fil-proċeduri ta' sfida. Fi stadju inizjali tal-proċeduri l-attriċi talbet, u ingħatat, miżura provviżorja; l-ewwel Qorti fil-fatt ordnat li l-kaz ta' sfida ma jitkompliex jinstema' minn dik il-Maġistrat imma jiġi assenjat lil Maġistrat ieħor. Sar appell minn din id-deċiżjoni u l-Qorti Kostituzzjonali laqgħat l-appell. Fil-motivazzjoni tagħha l-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> *Il-kwistjoni titratta dwar l-ordni provviżorja li tat l-Ewwel Qorti fid-19 ta' Ottubru 2022 li biha ordnat li l-każ ta' sfida li qiegħed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma jitkompliex jinstema' mill-Maġistrat ... iżda minn Maġistrat ieħor li jiġi assenjat skont il-liġi, ".... u tordna għalhekk il-komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jibgħat l-imsemmija atti*

[11] Ref il-paragrafu ta' qabel l-ewwel talba fil-mertu fir-rikors promotur a fol 9.
[12] Ref fol 11120/121
[13] Op cit supra.
[14] Challange proccedings ai termini tal-artikolu 541 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*tal-kawża skond il-liġi għallkontinwazzjoni tagħha minn Maġistrat divers minn dak li qed jippresjedi llum".*

*Fil-Kodiċi Kriminali ma jirriżultax li hemm xi dispożizzjoni li tagħti jedd lill-parti fi proċeduri ta' sfida li tappella minn deċiżjoni li tiċħad talba ta' rikuża li tkun saret minn xi parti. Għalhekk l-appellata qiegħda tfittex rimedju b'din il-kawża. Mir-raba' talba tar-rikors promotur hu ċar x'inhu r-rimedju aħħari li qiegħda tfittex l-appellata, dak li titneħħa l-Maġistrat Lia mill-proċedura ta' sfida u tiġi sostitwita b'Maġistrat ieħor. Rimedju li effettivament ingħata fid-deċiżjoni appellata.*

*Ovvjament jekk dak li ordnat l-Ewwel Qorti jitwettaq f'dan l-istadju meta lanqas bdew jinstemgħu provi fil-kawża, ser ifisser li l-każ ta' sfida jibda jinstema' u jiġi deċiż minn Maġistrat ieħor. Hu ċar li r-rimedju prinċipali li qiegħda tfittex l-appellata fil-kawża hu li l-każ ta' sfida jiġi assenjat lill-Maġistrat differenti. Bid-digriet tad-19 ta' Ottubru 2022 ir-rimedju ngħata qabel il-kawża bdiet tinstema'. **L-għan wara miżura provviżorja m'għandux ikun li jagħti rimedju finali qabel ma jkunu tressqu l-provi kollha u l-Qorti tkun f'pożizzjoni li tiddeċiedi l-kawża. F'dak l-istadju l-Qorti tkun f'pożizzjoni li tiddeċiedi jekk kienx hemm ksur, ikunux qegħdin jiġu miksura, jew x'aktarx ser jiġu miksura jeddijiet fundamentali. It-talba għall-ħruġ ta' ordni provviżorja m'għandha lanqas isservi sabiex Qorti tagħti xi fehma dwar il-meritu tal-kawża li jkollha quddiemha. Li wieħed jippretendi li Qorti tippronunzja ruħha b'xi mod dwar il-meritu f'dan l-istadju bikri tal-kawża kostituzzjonali, hu żbaljat[15].***

Illi dawn il-kunsiderazzjonijet tal-Qorti Kostituzzjonali japplikaw ukoll għall-kaz in eżami u din il-Qorti ukoll hija tal-fehma li, f'dan l-istadju, ma tistax tagħti ordnijiet li effettivament jirrikjeduha tesprimi ruħha fuq il-mertu u jwassluha biex, qabel ma jittressqu l-provi tal-partijiet kollha, tiddeċiedi talba fil-mertu u tagħti r-rimedju aħħari mitlub mill-attur. Konsegwentement din il-Qorti, f'dan l-istadju ma tistax tordna is-sostituzzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti.

Illi għal kull buon fini l-Qorti tirrileva li anke kieku kellha tieħu in konsiderazzjoni t-talba (għal miżura provviżorja) kif tista' tinftihem mir-

[15] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

rikors promotur (mingħajr ma tqies il-kjarifika li saret waqt is-sottomissjonijiet), it-talba xorta ma tistax tiġi akkolta.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti ser terġa tirreferi għas-sentenza mgħotija fil-kawża *Repubblika vs l-Avukat ta'l-Istat* fuq ċitata. Meta ddisponiet minn dik il-parti ta'l-appell il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat d-deċiżjoni mgħotija mill-ewwel Qorti dwar is-sostituzzjoni tal-Maġistrat u ordnat li l-proċeduri ta' sfida jieqfu sakemm tiġi deċiza l-kawża kostituzzjonali dwar allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali relatati mar-rikuża o meno tal-Maġistrat fil-proċeduri ta' sfida. Ordni simili pero ma jistax jingħata fil-kaz in eżami.

Illi, a differenza tal-kaz fuq imsemmi *Repubblika vs l-Avukat ta'l-Istat*, inkjesta dwar l-*in genere* mhiex proċedura ta' sfida; lanqas m'hi proċedura penali fil-konfront ta' xi persuna imputata li tista' tieqaf u tkompli eventwalment. L-iskop prinċipali ta' inkjesta huwa l-preservazzjoni ta' provi. Il-preservazzjoni tal-provi ma tippermettiex dilungar u jkun perikoluz ferm li dan il-proċess, il-preservazzjoni f'waqtha tal-provi, jitwaqqaf. Għandu jiġi rilevat ukoll li l-inkjesta dwar l-*in genere* mhiex intiża biex jiġu preservati biss dawk il-provi li jistgħu jintużaw bħala prova kontra xi hadd f'eventwali proċeduri penali. L-inkjesta hija proċess li għandu jiskatta, magħmula rapport, denunzja jew kwerela, għar-riċerka tal-verita permezz tal-kostatazzjoni tal-fatti relattivi u l-preservazzjoni tal-provi kollha u li b'xi mod jistgħu jkunu relevanti. Dawn jinkludu anke dawk il-provi li jistgħu jintużaw favur persuna suspettata kif ukoll dawk il-provi li jistgħu addirittura jiskolpaw lil dik il-persuna.[16] Ordni biex titwaqqaf inkjesta jista' jagħti lok għat-telf ta' provi essenzjali f'dik ir-riċerka tal-verita. Fil-każ in eżami, u skond ma qal l-attur, hemm persuni oħra meqjusa suspettati f'inkjesta konsegwentement it-twaqqif anke temporanju f'din ir-riċerka tal-verita jista' jkun ta' detriment għalihom.

Illi aktar minn hekk huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza x'kriterji għandhom jiġu sodisfatti biex jiġi ġustifikat ordni provviżorju. A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti ser tagħmel referenza ampja għal dak li ntqal fis-sentenza mgħotija fis-26 ta' Novembru 2020 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża *Yorgen Fenech vs l-Avukat ta'l-Istat*[17] meta l-Qorti għaddiet in rassenja l-ġurisprudenza l-aktar prevalenti in tema:

[16] Dan anke tenut kont tal-fatt li f'eventwali proċeduri penali, jekk ikun indikat li jiġu istiwieti proċeduri fil-konfront ta' xi persuna, il-prosekuzzjoni hija obbligata tressaq il-provi kollha, sia dawk favur u sia dawk kontra.

[17] Rikors numru 270/2020.

*Dan kollu premess, il-Qorti ikkunsidrat illi Karen Reid, fil-ktieb "A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights" (pagna 20) issostni:*

*"As a general practice, measures (riferibbilment ghal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb ... While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferribbilment ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases."*

*Ikkunsidrat illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-"Factsheet" mahruga minnha dwar "Interim Measures" tqis dan ix-xorta ta' rimedju bhala eccezzjonali u tiddeskrivi hekk:*

*"Interim measures are urgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question. In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition. The Court grants such requests for an interim measure only on an exceptional basis, when the applicant would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm ... In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the 3 application is being examined. The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 of the Convention) or would face illtreatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment). More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests Page 4 of 8 concerning the right to a fair hearing (Article 6 § 1) and the right to respect for private and family life (Article 8)."*

*Kif osservat il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża Rosette Thake et vs Prim Ministru et (Atti tar-rikors 50/16/1 JRM):*

*"biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieg li min jitolbu juri li hemm kaz prima faċie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja serja ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. "Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment provviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ" ara Daniel Alexnader Holmes vs Avukat Generali et – digriet P.A. kostit. AE 16.04.2014*

*Illi fil-kawża Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et (PA (Kost), din il-Qorti kif diversament presjeduta enunċjat il-prinċcipji legali u dottrinali li ggwidaw il-Qrati tagħna fil-materja ta' interim relief:-*

*"Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;*

*Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għallpressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet;*

*Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas talgħoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment provviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ;*

*Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi*

*nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u blebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha. Illi għalkemm huwa minnu, kif jallegaw l-intimati, li l-għoti tal-provvediment provviżorju quddiem il-Qorti ta' Strasburgu taħt ir-regolament 39 tar-Regoli tal-Proċedura ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi marbut ma' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 2 jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-għoti ta' provvediment bħal dak biss għall-imsemmija żewġ artikoli. Kemm hu hekk, kien hemm każijiet fejn l-għoti ta' provvediment ingħata wkoll waqt proċeduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni."*

*Kif ritenut in materja mill-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak:*

*"... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination. ... such would be the case, for instance, if an expulsion threatens to constitute a violation of article 3 of the Convention, in view of a serious risk that the person concerned will be exposed to torture or inhuman treatment or punishment. In that case a stay of expulsion may be requested until the Court has had the opportunity to investigate the case. However, it will do so only if there is a high degree of probability that a violation of article 3 is likely to occur. This requires that the applicant states his case in a convincing manner and possibly also presents some evidence showing the danger to life or limb to which he may be subjected if expelled or extradited to a particular country. It is not sufficient for the applicant to provide information about the danger or uncertain situation in the country of destination and/or his being an opponent of the ruling Government."*

*Illi il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk fil-kaz Angelo Frank Paul Spiteri v L-Avukat Generali (9 ta' Jannar 2017):*

> *"Fl-ewwel lok jiġi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjħa interim measures huwa car l-insenjament ta' din ilQorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jażżarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel. Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali. [Q. Kost. 7 2 Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Raba` Edizzjoni – 2006) Page 7 of 8 Federation of Estate Agents v. Direttur Generali [Kompetizzjoni, deciza 25 ta' Settembru, 2014)."*

Illi mill-ġurisprudenza hawn miġbura jirriżulta indubbjament li biex tingħata miżura provviżorja irid jintwera li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' drittijiet fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara irreparabbli fil-każ tiegħu.

Illi biex ma tesprimiex ruħha fil-mertu, anke minħabba li t-talba għal miżura provviżorja hija intimament konnessa mar-raba talba fil-mertu, il-Qorti ser tgħid biss li tenut kont ta' dak li irrizulta mill-atti sa' llum ma tqis li l-attur irnexxielu jissodisfa dawn iż-żewġ rekwizieti essenzjali b'mod partikolari il-ħsara irreparabbli u dan anke tenut kont ta'l-iskop ta' inkjesta maġisterjali.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiċħad it-talbiet ta'l-attur. Spejjez riżervati għal ġudizzju finali.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**